# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 536/01mm**

**Maruti Motors Limited**

**vs**

**Martin u Rita konjugi Mifsud**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u disa' liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm409.10) liema somma hija dovuta skond seba' (7) kambjaliet (001 sa'

004 u 001 sa' 003) iffirmati mill-istess konvenuti, li kopja taghhom gie esebita, liema kambjaliet skadew izda baqghu ma thallsux, nonostante li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra Legali datata 2 ta' Mejju, 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-4 ta' Ottubru, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra l-konvenuti.